



# BAĠIT TAL-UE GĦALL-FUTUR

#EUBudget #InvestEU



Is-6 ta' Ġunju 2018

## INVESTEU: X'SE TIFFINANZJA?

InvestEU tappoġġa **erba' oqsma ta' politika differenti**, billi tiffoka fuq fejn l-UE tista' żżid l-iżjed valur billi tipprovdi garanzija tal-baġit biex tattira l-investment privat.



### INFRASTRUTTURA SOSTENIBBLI

L-iffinanzjar ta' proġetti fl-**enerġija sostenibbli** | **konnnettività diġitali** | **trasport** | **ekonomija ċirkolari** | **ilma, skart u infrastruttura ambjentali oħra u aktar.**



### RIĊERKA, INNOVAZZJONI U DIĠITALIZZAZZJONI

L-iffinanzjar ta' proġetti fir-**riċerka u l-innovazzjoni** | **wasla tar-riżultati tar-riċerka fis-suq** | **id-diġitalizzazzjoni tal-industrija** | **it-tkabbir ta' kumpaniji innovattivi akbar** | **intelliġenza artifiċjali u aktar.**



### NEGOZZI ŻĠĦAR

L-iffaċilitar tal-aċċess għall-finanzi għal **kumpaniji żgħar u ta' daqs medju (SMEs)** | **kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja.**



### INVESTIMENT SOĊJALI U ĦILJET

L-iffinanzjar ta' proġetti fil-**ħiliet, l-edukazzjoni, it-taħriġ** | **akkomodazzjoni soċjali, skejjel, universitajiet, sptarijiet** | **innovazzjoni soċjali** | **kura tas-saħħa, kura fit-tul u aċċessibilità** | **mikrofinanzi** | **intrapriża soċjali** | **integrazzjoni tal-migranti, refuġjati u nies vulnerabbli u aktar.**

## EŻEMPJU REĊENTI TA' PROĠETTI FFINANZJATI MILL-UE F'INFRASTRUTTURA SOSTENIBBLI



### METROGUAGUA

Gran Canaria, Spanja

Netwerk ġdid ta' karozzi tal-linja ibridi u elettriċi li jnaqqas it-tniġġis, iħeġġeġ l-użu tat-trasport pubbliku u jtejjeb il-ħin tal-vjaġġi għall-passiġġieri.

### FOST IL-BENEFIĊĊJI, L-INVESTIMENT F'INFRASTRUTTURA SOSTENIBBLI SE JGħIN LILL-UE:

- Tnaqqas l-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> u tilħaq il-miri tagħha tal-Ftehim ta' Pariġi;
- Twettaq it-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari u mobbiltà b'livell baxx ta' emissjonijiet;
- Tilħaq il-miri tal-aġenda diġitali tagħha għall-konnettività tal-broadband.

## EŻEMPJU REĊENTI TA' PROĠETTI FFINANZJATI MILL-UE FIL-QASAM TAR-RIĊERKA, L-INNOVAZZJONI U D-DIĠITALIZZAZZJONI



### ENERĠIJA FIL-PLAYGROUNDS

Il-Bulgarija

Kumpanija fil-bidu li żviluppat playgrounds interattivi li jużaw l-enerġija tat-tfal biex jimmotivawhom jilagħbu, jitgħallmu u jkunu b'saħħithom billi jdawru l-enerġija kinetika fil-ħoss u fid-dawl.

### FOST IL-BENEFIĊĊJI, L-INVESTIMENT FIR-RIĊERKA, L-INNOVAZZJONI U D-DIĠITALIZZAZZJONI SE TGĦIN LILL-UE:

- Tlesti s-Suq Uniku Diġitali;
- Tagħti spinta lill-investiment fl-intelliġenza artifiċjali fl-Ewropa;
- Tilħaq il-mira tat-3 % tal-PDG tal-UE fir-Riċerka, l-Iżvilupp u l-Innovazzjoni (RŻI).

## EŻEMPJU REĊENTI TA' NEGOZJU ŻĠĦIR LI RĊIEVA FINANZJAMENT APPOĠĠJAT MILL-UE



### AGRIFARM

Il-Greċja

SME li tkabbar prodotti agrikoli - prinċipalment ross u legumi - b'mod naturali, li tiffoka fuq l-effetti tal-mikroklima u l-impatt soċjali tan-negozju.

### FOST IL-BENEFIĊĊJI, L-GħOTI TA' AĊĊESS GħALL-FINANZI LIN-NEGOZJI Ż-ŻĠĠAR SE JGħIN LILL-UE:

- Tagħti spinta għall-impjiegi u l-ħolqien ta' aktar impjiegi madwar l-Unjoni;
- Tlesti l-Unjoni tas-Swieq Kapitali;
- Tgħin lil negozji ġodda Ewropej jikbru u jikkompetu fuq livell internazzjonali.

## EŻEMPJU REĊENTI TA' PROĠETTI FFINANZJATI MILL-UE F'INVESTIMENT SOĊJALI U L-ĦILJET



### TAħRIĠ FUQ IX-XOGħOL EPIQUS

Il-Finlandja

Fond li jgħin investimenti b'impatt soċjali qed jiffinanzja skema biex jiġu integrati eluf ta' migranti u rifuġjati fis-suq tax-xogħol Finlandiż billi jipprovdi taħriġ u assistenza fit-tlaqqiġ għal impjiegi.

### FOST IL-BENEFIĊĊJI, L-INVESTIMENT FI PROĠETTI SOĊJALI U L-ĦILJET SE JGħIN LILL-UE:

- Twassal riżultati fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali;
- Timmodernizza l-infrastruttura tal-dukazzjoni u l-kura tas-saħħa fl-Ewropa;
- Tagħti appoġġ għall-kultura u l-kreattività Ewropea.